Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2028(INI)

27.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2022 u l-2023
(2023/2028(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Katarina Barley

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2022 u l-2023
(2023/2028(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea(TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"),

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[2] (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1939- li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali[6],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali[7],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta'

---

[1] Inter alia: *Il-Kummissjoni* vs *L-Ungerija* (Trasparenza tal-assoċjazzjoni), Kawża C-78/18, EU:C:2020:476, Kawża C-241/21: Sentenza tal-Qorti (it-Tieni Awla) tas-6 ta' Ottubru 2022. *I. L.* v *Politsei- ja Piirivalveamet*, ECLI:EU:C:2022:753.
[2] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.
[3] ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1.
[4] ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.
[5] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
[6] ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.
[7] ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea[8],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda" (COM(2021)0777),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025)" (COM(2020)0258),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2022 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE" (COM(2020)0711),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Spazju ċiviku b'saħħtu għaż-żamma tad-drittijiet fundamentali fl-UE – Rapport Annwali tal-2022 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE" (COM(2022)0716),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2022)0500),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/681 tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni[9],

– wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (COM(2022)0177), ("id-direttiva kontra s-SLAPP"),

– wara li kkunsidra proposta għal direttiva tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2022 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fil-qasam tal-impjiegi u x-xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-

[8] ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8.
[9] ĠU L 86, 24.3.2023, p. 44.

diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li tħassar l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/43/KE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/113/KE (COM(2022)0689)",

– wara li kkunsidra proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE (COM(2022)0688),

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), b'mod partikolari r-rapporti tagħha dwar id-drittijiet fundamentali għas-sena 2022,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-istrumenti tan-NU dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Rieżami Perjodiku Universali tan-NU, il-ġurisprudenza tal-korpi ta' monitoraġġ tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, li nfetħet għall-iffirmar f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011 ("Il-Konvenzjoni ta' Istanbul"),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa tat-23 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem fiż-Żona tal-Kunsill tal-Ewropa fi Żminijiet ta' Kriżi" wara d-diskussjoni madwar mejda dwar id-drittijiet tal-bniedem organizzata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa li saret f'Dublin fl-24 - 25 ta' Ottubru 2022[10],

– wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Ftehim irrevedut dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tas-17 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-UE: l-użu indebitu ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f'każ ta' fondi ta' emerġenza u oqsma ta' nfiq relatati mal-kriżi[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar statut għall-assoċjazzjonijiet u l-

[11] ĠU C 205, 20.5.2022, p. 2.
[12] ĠU C 251, 30.6.2022, p. 48.

organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ transfruntieri Ewropej[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[15],

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 li twaqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-użu ta' Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, u li tiddefinixxi s-suġġett tal-inkjesta, kif ukoll ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u t-tul tal-mandat tal-kumitat (2022/2586),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-approvazzjoni potenzjali tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru (RRF) tal-Polonja[16],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2022 dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali fl-Unjoni Ewropea: is-sitwazzjoni soċjoekonomika tan-nisa ta' dixxendenza Afrikana, tal-Lvant Nofsani, Latino-Amerikana u Asjatika[17],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[18],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE[19],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar is-suspetti ta' korruzzjoni mill-Qatar u l-ħtieġa usa' ta' trasparenza u responsabbiltà fl-istituzzjonijiet Ewropej[20],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2023 dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-UE - id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni li ilha mistennija[21],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2023 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mill-Qafas ta' Privatezza tad-Data UE-Stati Uniti[22],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar l-ewwel

[13] ĠU C 342, 6.9.2022, p. 225.
[14] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.
[15] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 168.
[16] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 108.
[17] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 184.
[18] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 463.
[19] ĠU C 132, 14.4.2023, p. 29.
[20] ĠU C 177, 17.5.2023, p. 109.
[21] P9_TA(2023)0111.
[22] P9_TA(2023)0204.

anniversarju tal-projbizzjoni de facto tal-abort fil-Polonja[23],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Lulju 2022 dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti biex tabolixxi d-drittijiet tal-abort fl-Istati Uniti u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-abort u s-saħħa tan-nisa, inkluż fl-UE[24],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-3 ta’ Mejju 2022 dwar il-persekuzzjoni tal-minoranzi minħabba t-twemmin jew ir-reliġjon[25],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

A. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-Karta; billi dawn il-valuri għandhom jiġu kondiviżi mill-Istati Membri;

B. billi l-libertà tal-media, il-pluraliżmu, l-indipendenza u s-sikurezza tal-ġurnalisti huma komponenti kruċjali tad-dritt tal-libertà ta’ espressjoni u informazzjoni, u huma essenzjali għall-funzjonament demokratiku tal-UE u l-Istati Membri tagħha; billi f’dawn l-aħħar snin, il-ġurnalisti u l-atturi tal-media fl-Ewropa u lil hinn minnha qed jiġu dejjem aktar mhedda;

C. billi l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt; billi hemm tħassib persistenti u serju dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni f’xi Stati Membri; billi r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt għandu l-għan li jipproteġi l-baġit tal-Unjoni kontra ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt;

D. billi l-indipendenza tal-ġudikatura - rekwiżit essenzjali għall-prinċipju demokratiku tas-separazzjoni tas-setgħat u ċentrali biex jiġi ggarantit ir-rispett għad-drittijiet fundamentali - qed tiffaċċja theddid serju jew saħansitra qed tiġi mminata strutturalment f’xi Stati Membri;

E. billi, f’Marzu 2023, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa vvaluta s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa bħala li ddeterjorat b’mod allarmanti;

F. billi kien hemm diversi inċidenti ta’ mwiet ta’ migranti u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-fruntieri Ewropej minħabba ġestjoni ineffettiva u użu sproporzjonat tal-forza mill-awtoritajiet;

G. billi kien hemm laxk organizzat kontra d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet f’dawn l-aħħar snin; billi l-prevalenza tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, inklużi l-vjolenza sesswali u l-

[23] ĠU C 205, 20.5.2022, p. 44.
[24] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 268.
[25] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 33.

abbuż sesswali għadha għolja madwar l-Unjoni Ewropea;

H. billi l-prevalenza tad-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika għadha konsistentement għolja, kemm maż-żmien kif ukoll fost gruppi differenti tal-popolazzjoni fi Stati Membri differenti; billi l-antisemitiżmu, l-iżlamofobija u r-razziżmu huma forom persistenti ta' mibegħda u diskriminazzjoni; billi l-estremiżmu tal-lemin estrem joħloq theddida partikolari għall-persuni affettwati mid-diskriminazzjoni u għas-soċjetà kollha kemm hi;

I. billi d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra persuni LGBTIQ+ madwar l-UE għadhom jippersistu; billi l-persuni LGBTIQ+ għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni u esklużjoni f'diversi Stati Membri;

J. billi l-inċidenti tad-diskors ta' mibegħda żdiedu b'mod kostanti fl-UE matul dawn l-aħħar ftit snin[26], l-aktar minħabba n-numru dejjem akbar ta' utenti tal-media soċjali u l-fatt li d-diskors ta' mibegħda jiffjorixxi online; billi d-diskors ta' mibegħda jista' jwassal għal reati ta' mibegħda;

K. billi l-UE hija bbażata fuq il-promozzjoni tad-drittijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi;

L. billi l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) hija obbligu skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE u tibqa' prijorità għolja;

L-istat tad-dritt u l-aċċess għall-ġustizzja

1. Jikkundanna bis-sħiħ li fl-2022 ġie stabbilit rekord globali ieħor għan-numru ta' ġurnalisti mibgħuta l-ħabs; jappella li jintlaħaq ftehim rapidu dwar id-Direttiva kontra s-SLAPP, li għandha toffri protezzjoni sostantiva u wiesgħa kontra kawżi abbużivi;

2. Jinsab imħasseb ħafna bil-livell dejjem jiżdied ta' korruzzjoni f'ċerti Stati Membri, b'mod partikolari ta' każijiet li jinvolvu uffiċjali u politiċi ta' livell għoli; jinsab imħasseb dwar il-livelli differenti ta' implimentazzjoni tal-qafas tal-UE kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri;

3. Jisħaq li l-indipendenza ġudizzjarja u l-kontrolli u l-bilanċi effettivi, li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, huma komponenti ewlenin tal-istat tad-dritt; jikkundanna kwalunkwe tentattiv mill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jeżerċitaw influwenza politika fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet indipendenti tal-ġudikatura jew kontroll fuqhom;

4. Jappoġġja l-użu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni orizzontali għall-iffriżar tal-finanzjament tal-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-rigress tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jisħaq li l-fondi ristretti permezz ta' miżuri ta' kundizzjonalità differenti jridu jiġu rilaxxati biss meta t-tħassib ewlieni dwar l-istat tad-dritt, il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem jiġi indirizzat b'mod ġenwin u adegwat; jistieden lill-Kunsill Ewropew jiddetermina jekk l-Ungerija wettqitx ksur serju u persistenti tal-valuri tal-UE skont l-Artikolu 7(2) tat-TUE;

[26] Ħarsa ħafifa lejn il-briefing "Combating hate speech and hate crime in the EU (Il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fl-UE)", is-Servizz Ewropew għar-Riċerka Parlamentari, Ġunju 2022.

Il-libertajiet

5. Jinnota t-theddid dejjem akbar għal-libertajiet ta' assoċjazzjoni, diskors u assemblea; jerġa' jtenni li d-dritt għal assemblea paċifika jista' jiġi ristrett biss meta jkun previst mil-liġi u jekk ikun meħtieġ u proporzjonat biex jiġi protett interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn;

6. Jenfasizza li sabiex jiġi żgurat id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li huwa fundamentali għal kwalunkwe demokrazija, l-informazzjoni trid tkun aċċessibbli b'mod universali u diversa, u jisħaq li l-libertà artistika trid tiġi ggarantita;

7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) fil-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva, tad-drittijiet fundamentali u tal-parteċipazzjoni demokratika fl-Ewropa; jappella għal strateġija tal-Kummissjoni u regoli komuni fl-Istati Membri kollha biex jiġi promoss ambjent regolatorju u politiku ħieles minn effetti, theddid u attakki dissważivi;

8. Ifakkar li skont l-Artikolu 6 tal-Karta, kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, li jfisser li kulħadd fl-Unjoni għandu jkun protett minn arrest illegali u arbitrarju;

9. Jikkundanna ż-żieda fl-inċidenti antisemitiċi, anti-Iżlamiċi u razzisti fl-UE; jiddeplora li l-inċidenti ta' diskriminazzjoni, ta' reati razzisti u ksenofobiċi spiss ma jiġux irrapportati lill-awtoritajiet, li de facto jwassal għal impunità;

10. Jindika li d-datafikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum u tal-iskandli tad-data tfisser li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali huwa ta' importanza dejjem akbar; jerġa' jtenni t-tħassib tiegħu dwar l-applikazzjoni mhux uniformi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data;

11. Jikkundanna bis-sħiħ il-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali u l-użu ta' vjolenza sproporzjonata mill-awtoritajiet nazzjonali fil-fruntieri tal-Unjoni;

L-ugwaljanza u d-dinjità

12. Jiddeplora li l-proposta dwar id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni baqgħet imblukkata fil-Kunsill għal 14-il sena;

13. Ifakkar li l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru hija prevalenti ħafna fl-Istati Membri kollha madwar l-Unjoni; jikkundanna r-rigress fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa f'xi Stati Membri, b'mod partikolari ċ-ċaħda tal-aċċess għal abort sikur u legali;

14. Ifakkar li r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, il-ksenofobija, l-intolleranza reliġjuża jew id-diżabilità ta' persuna, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess huma eżempji estremi ta' diskriminazzjoni;

15. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li testendi l-lista ta' reati tal-UE fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE għal diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda;

16. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għall-ewwel darba invokat ksur iżolat tal-Artikolu 2 tat-TUE meta rreferiet għal-"liġi dwar il-protezzjoni tat-tfal" fl-Ungerija, li ħbiet objettivi oħra, lill-QĠUE;

Drittijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali

17. Jirrikonoxxi li l-faqar huwa forma oħra ta' diskriminazzjoni li twassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex inaqqsu l-faqar, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal;

18. Jilqa' r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat[27] li jiżgura l-inklużjoni attiva bħala pass 'il quddiem fl-implimentazzjoni tal-prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

19. Jisħaq li d-diġitalizzazzjoni hija proċess trażversali li għandu impatt fuq l-aċċess għas-servizzi kollha, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa, u l-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali;

20. Jinnota li l-akkomodazzjoni ma hijiex komoditá, iżda neċessità, u hija prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà;

21. Jilqa' r-rikonoxximent tad-dritt universali għall-aċċess għal ambjent b'saħħtu u sostenibbli mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fit-8 ta' Ottubru 2021;

Salvagwardji istituzzjonali għad-drittijiet fundamentali

22. Jilqa' l-progress li sar mit-tkomplija tan-negozjati lejn l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB f'Ġunju 2020 u l-ftehim proviżorju dwar l-abbozz tal-istrumenti ta' adeżjoni riveduti li ntlaħaq f'Marzu 2023;

23. Jappoġġja l-ħidma tal-FRA dwar l-analiżi tad-data sabiex tiġi ddokumentata d-diskriminazzjoni u jilqa' aktar żviluppi f'dan il-qasam; jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni għal żewġ direttivi dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza, li għandhom l-għan li jiżguraw implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tal-UE kontra d-diskriminazzjoni;

24. Ifakkar fl-importanza tal-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE li tirrispetta r-rispett għad-drittijiet fundamentali u li tiddefinixxi aktar l-istat tad-dritt;

°

° °

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[27] ĠU C 41, 3.2.2023, p. 1.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huma l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Iż-żamma u l-promozzjoni attiva ta' dawn il-valuri huma obbligu kemm tal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri. Ir-Rapporteur hija tal-fehma li, f'dawn l-aħħar snin, kien hemm tnaqqis inkwetanti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea kollha u li l-kunsens dwar il-valuri komuni Ewropej jinsab f'riskju li jitfarrak.

Fis-snin 2022 u 2023, l-UE ffaċċjat sfidi ġodda u mingħajr preċedent. Apparti li għadha qed tittratta l-effetti negattivi tal-pandemija tal-COVID, il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna żiedet l-influss ta' miljuni ta' persuni, li kienu mġiegħla jitilqu minn djarhom. Konsegwentement, ir-rapport għandu jirrifletti b'mod adegwat il-mistoqsijiet dwar id-drittijiet fundamentali li jirriżultaw minn dawn iċ-ċirkostanzi, inkluż iżda mhux limitat għal (i) l-użu ta' leġiżlazzjoni ta' emerġenza u l-effett tagħha fuq l-ispazju għall-OSĊ, (ii) ir-rwol tal-media ħielsa għall-funzjonament tas-sistemi demokratiċi, u (iii) il-protezzjoni tad-drittijiet soċjali, u (iv) il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għar-refuġjati u l-migranti.

Approċċ mir-Rapporteur

Ir-Rapporteur għandha l-għan li tilħaq rapport komprensiv, li jirrifletti l-iżviluppi ewlenin fis-snin inkwistjoni.

Ir-rapport għandu jirrifletti primarjament it-tendenzi ġenerali tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fis-snin 2022 u 2023. Madankollu, ir-rapport għandu jkopri wkoll problemi sistemiċi fl-Istati Membri individwali, dment li jkun hemm proċedura kontinwa dwar il-kwistjoni fil-livell Ewropew, inklużi proċeduri skont l-Artikolu 7 tat-TUE, proċeduri ta' ksur, u sentenzi mill-QĠUE u mill-QEDB.

L-istruttura

Sabiex ikun jista' jkopri l-elementi rilevanti kollha, l-abbozz tar-rapport huwa strutturat madwar ir-raggruppamenti ewlenin tad-drittijiet fundamentali, ġeneralment ibbażati fuq il-kapitoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Minflok ma jiffoka biss fuq xi prijoritajiet jew gruppi speċifiċi, u fid-dawl tat-tul massimu ta' erba' paġni għar-rapporti fuq inizjattiva proprja, ir-Rapporteur qed tfittex li tipprovdi deskrizzjoni ġenerali li taħtha jistgħu jiġu kkategorizzati l-mistoqsijiet kollha dwar id-drittijiet fundamentali. Tista' u se tiġi arrikkita matul l-istadju tal-emenda.

Il-kategoriji ewlenin huma:

L-istat tad-dritt u l-aċċess għall-ġustizzja

Dan il-kapitolu jkopri *inter alia* r-rwol tal-media ħielsa, l-użu tal-leġiżlazzjoni ta' emerġenza, id-drittijiet parlamentari, l-indipendenza tal-ġudikatura, l-effetti tal-korruzzjoni, u l-proċeduri tal-istat tad-dritt fil-livell Ewropew.

Il-libertajiet

Dan il-kapitolu jkopri *inter alia* l-libertajiet kollettivi, bħala d-dritt ta' għaqda u d-dritt ta' assoċjazzjoni, kif ukoll il-libertajiet individwali, bħad-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-libertà tal-ħsieb, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, u d-dritt għall-ażil.

L-ugwaljanza u d-dinjità

Dan il-kapitolu jkopri *inter alia* d-dritt għan-nondiskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Dan ikopri wkoll id-dritt għar-rispett għall-integrità fiżika u mentali ta' persuna, b'mod partikolari fir-rigward tad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.

Drittijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali

Dan il-kapitolu jkopri *inter alia* l-faqar bħala diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi soċjali, il-faqar diġitali, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-edukazzjoni, l-aċċess għall-impjiegi, id-dritt ta' negozjar kollettiv, u d-dritt ta' aċċess għal ambjent b'saħħtu u sostenibbli.

Salvagwardji istituzzjonali għad-drittijiet fundamentali

Dan il-kapitolu jkopri *inter alia* r-rwol tal-istituzzjonijiet bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, kif ukoll il-qrati nazzjonali u l-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza.